MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Numru. 156/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**RAYMOND CAMILLERI bin Joseph u Coronata nee' Muscat, imwieled fit-tlettax ta' Settembru, 1979 u residenti 'Metallica', Triq ta' Duru, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22979G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** bin Joseph u Coronata nee' Muscat, imwieled fit-tlettax ta' Settembru, 1979 u residenti 'Metallica', Triq ta' Duru, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22979G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sittax (16) ta' Frar

2006 ghal habta tad-disgha u hamsa u tletin minuta ta’ fil-ghodu (9:35a.m.) waqt li kien qieghed fil-Bini tal-Qorti tal-Magistrati tar-Rabat, Ghawdex:-

1. b’mod volontarju kiser il-paci u l-ordni pubblika b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Carmel Debono minn Nadur, Ghawdex u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif certifikat minn Doctor Michael Refalo MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavat ta’ Doctor Michael Refalo.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni in partikolari lil PS 1377 Emanuel Cilia u lil Carmel Debono.

Semghet lil avukat difensur tal-imputat Dottor Anton Refalo jiddikjara li kien qed jammetti l-akkuza ghan-nom tal-imputat fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li Dottor Anton Refalo ghan-nom tal-imputat wiegeb li kien hati din l-Qorti wissiet lil istess avukat difensur b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu ghan-nom tal-patrocinat tieghu, u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni ta’ Dottor Anton Refalo ghan-nom tal-imputat.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat tramite l-avukat difensur tieghu Dottor Anton Refalo, l-Qorti tiddikjara li qed issb lil imputat Raymond Camilleri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk fic-cirkostanzi **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat RAYMOND CAMILLERI hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu**

**fuq ammissjoni tieghu stess tramite l-avukat difensur tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ tletin [30] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------